MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2014

Numru 777/2014

**Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Fabrizio Faniello**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Fabrizio Faniello ta’ 32 sena bin Vincenzo u Anna nee’ Zammit, imwieled Pieta fis-27 t’ April, 1981,

residenti fil-fond Kennedy Grove Appts, Flat 5 Triq Wileg San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 288676(M)

Akkuzat talli nhar id-9 ta' Lulju, 2014, f' dawn il-Gzejjer :

1. B' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann jew billi wera haga b' ohra sabiex gieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu izda mhux iktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu Robert Zammit u/jew Pool Group Malta;

2. Bi hsara ta' haddiehor, ghamel xi qliegh iehor b' qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu izda mhux aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu Robert Zammit u/jew Pool Group Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 t' Awwissu, 2014 (esebit a fol. 9 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-28 ta' Novembru, 2014 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, l-fatt li ghandu fedina penali netta, kif ukoll il-fatt li kien hemm rinunzja da parti tal-parti leza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-

konfronti tieghu kif minnu ammessa u b' applikazzjoni tal-Art. 7 tal-Kap. 446 tpoggi lil imputat taht ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tliet (3) snin millum taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Stante li t-tieni mputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------